TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviv Numru CCT 294/12/GZ

**Carmela Fabri**

**vs**

**Manuel Azzopardi – Queen's Dry Cleaners**

Illum 13 ta' Marzu 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' Novembru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tliet mija disgha u hamsin Ewro u erbgha centezmi (€359.04), rapprezentanti l-ammont li hija kellha thallas sabiex xtrat suit gdida, il-prezz ta' glekk li gie ddanneggjat mis-socjeta' ntimata, il-prezz ta' quilt li giet iddanneggjata mis-socjeta' ntimata u l-ammont li hija hallset lis-socjeta' ntimata ghas-servizzi taghha.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet baghtet glekk u quilt ghas-servizz ta' dry cleaning ghand is-socjeta' ntimata, u meta nhadu lura ghandha hija ndunat li l-quilt kienet iccarat fil-kulur u l-glekk kien irtab u ccara l-kulur tieghu wkoll.

Ghalhekk, ir-rikorrenti qieghda titlob l-ammont ta' mija sebgha u tmenin Ewro u disghin centezmi (€187.90) ghal suit gdida li kellha tixtri sabiex tmur tieg bih; l-ammont ta' tlieta u tletin

Ewro u sebghin centezmi (€33.70) li hija hallset sabiex saret id-dry cleaning; l-ammont ta' disghin Ewro u hamsa u tmenin centezmi (€90.85) ghall-glekk li sarlu d-dry cleaning hazin; u l-ammont ta' sitta u erbghin Ewro u disgha u hamsin centezmi (€46.59) ghall-quilt li sarilha d-dry cleaning hazin. L-ammont totali huwa ta' tliet mija disghu u hamsin Ewro u erbgha centezmi (€359.04).

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

B'referenza ghat-talba tar-rikorrenti:

(a) Ma kien hemm l-ebda lment fuq il-glekk imsemmi, ghalhekk is-socjeta' ntimata ma tistax tikkummenta fuqu;

(b) Meta dahlet il-quilt tar-rikorrenti, li r-rikorrenti qed tghid li ccarat, kienet impestata! Ir-rikorrenti kienet qalet li kienet ilha ma tinhasel xi ghaxar (10) snin! B'hekk huwa naturali li jiccara l-kulur, specjalment ta' quilt inferjuri fil-kwalita' bhal din in kwistjoni;

Ma sar xejn hazin fil-process tat-tindif, b'hekk m'ghandu jkun hemm l-ebda talba ghall-hlas.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet ircevuta tal-hwejjeg li kellha tixtri, li giet immarkata bhala Dok.CF1; flimkien ma' l-ircevuta mahruga mis-socjeta' ntimata, li giet immarkata bhala Dok.CF3.

Ir-rikorrenti ezebiet il-glekk u l-quilt in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ihoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur jipprova jaqla' lira minn fuq dar haddiehor. Illi, in oltre, it-Tribunal jinnota illi ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-bidla fil-

kulur tal-glekk u l-quilt in kwistjoni, u għalhekk qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**